**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 49

**21 ta' Dicembru 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

## Minuti

## 49.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

49.1.1 Ma kienx hemm.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 49.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

49.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Vici Sindku Oriana Calleja ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

49.4.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv attendiet ghal-laqgha fejn kienet mistiedna mir-Regjun Lvant u Iltaqet mal-kuntrattur il-gdid tal-gbir tal-iskart, s-Sur Galea f'isem il-kumpanija Galea Cleaning Solutions.

Hija infurmatu li l-hin tal-gbir tal-iskart se jibqa l-istess izda l-kuntrattur li rebah it-tender, fit-tender fl-ispessifikazzjonijiet ma kellux miktub l-obbligu li meta jmiss il-borza s-sewda jbattal il-litter bins u d-doggy bins. Ghaldaqstant ser tkun qed iggib 3 kwotazzjonijiet minghand kuntratturi differenti biex jigu mbatla dawn il-bins.

Is-Sindku qal li meta kienu ghaddejien bid-diskussjonijiet biex nibdew din il-procedura l-gdida kienu gew mwedien li bhala *economy of scale* suppost tigina tiswina inqas. Ghaldaqstant is-Sindku jixtieq li jsir ezercizzju ta' kemm se tigina l-ispiza tal-gbir tal-iskart flimkien mal-ispiza tal-gbir tal-bins u nikkomperawhom mal-ispiza li nhalsu bhalissa.

Il-Kunsill qabel.

## 49.5 SPI/SCI/11/2022 - Korsijiet *Lifelong Learning* 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja;

49.5.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nergu napplikaw ghall-korsijiet bhal ma napplikaw kull sena.

## 49.6 *Local Council Staff Performance Bonus*;

49.6.1 Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill gie deciz unanimament li l-haddiema tal-kunsill (Anna Micallef, Matthew Zammit u Liam Sciberras) u l-haddiema ta' CWSEF (Christopher Cauchi, Jeffrey Bezzina, Jurgen Schembri, Samir Lofti u Carmel Vella) ghandhom jinataw 6% igifieri l-massimu li nistghu naghtu. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li Jonathan Azzopardi ser jithallas il-massimu tal-*performance bonus* u tigi mahduma *pro rata* tal-granet li hadem mal-kunsill fis-sena 2022.

## 49.7 *RSSL Staff Performance;*

49.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s-Sur Robert Galea jaqa taht l-iskema tal-RSSL. Hija fakret li s-sena l-ohra kienet l-ewwel sena li l-Kunsill tah il-*performance bonus*.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jerga jinghata 6% tal-gross tal-paga annwali bhal haddiema l-ohra li qeghdin taht l-iskema ta' CWSEF.

## 49.8 *Food and Drink Festival in Ta' Xbiex Yacht Marina*;

49.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill rcieva talba minghand sid ta' hanut li huwa interessat li jaghmel *Food and Drink Festival in Ta' Xbiex Yacht Marina* ghal 3 t'ijiem f'April tas-sena 2023. Huwa spjega li l-parti li jixtieq jarma fiha hija l-parti tan-nofs.

Wara dikussjoni l-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikkalkulha ezatt kemm ser jiehu *parking spaces* u wara nergu niddiskutuha.

## 49.9 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

49.9.1 Ma kienx hemm.

## 49.10 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

49.10.1 Ma kienx hemm.

## 49.11 Rapporti mill-Kunsilliera;

49.11.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti infurmat lill-Kunsill li kien hemm messagg fuq facebook allega li l-Kunsill ghall-attivita' tal-Christmas Village fil-car park tal-Yacht Marina dahhal €70,000.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nkelmu lill-avukat biex jghidilna b'liema mod l-ahjar li nwiegbu lura mill-pagna tal-Kunsill fejn nispjegaw li mhux min hu dan li qed jghid izda l-Kunsill se jdahhal flus ta' permessi kif inhuma stipulati fil-ligi.

## 49.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir it-Tlieta 31 ta' Jannar, 2023 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 31 ta' Jannar, 2023.

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |